



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en)

2021/0207 (COD)

PE-CONS 8/23

CLIMA 44
ENV 85
AVIATION 12
MI 69
IND 32
ENER 50
ICAO 2
RELEX 118
CODEC 104

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq

DIRETTIVA (UE) 2023/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni
għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u
tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 152.

² ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbiliet sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni, sabiex tippromwovi ttnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti. L-attivitajiet tal-avjazzjoni ġew inklużi fis-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS) bid-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². L-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li testendi s-sistema għall-iskambju ta' kwoti permezz tal-EU ETS għat-titjiriet kollha li jitilqu minn jew jaslu f'ajrudrom li jinsab fi Stat Membru.

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

² Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).

- (2) Il-protezzjoni tal-ambjent hija waħda mill-isfidi l-aktar importanti li l-Unjoni u l-bqija tad-dinja qed jiffaċċjaw. Il-Ftehim ta' Pariġi¹, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Dak l-impenn ġie msaħħaħ bl-adozzjoni taħt il-UNFCCC tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li jservu bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li ż-żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u daww il-Partijiet impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sal-aħħar tal-2022 sabiex jaċċeleraw l-azzjoni klimatika f'dan id-deċennju kritiku u jeliminaw id-distakk fl-ambizzjoni bil-mira ta' 1,5 °C. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija, inkluża l-avjazzjoni internazzjonali, jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjoni ta' gassijiet serra.

¹ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (3) L-avjazzjoni hija responsabbli għal 2 sa 3 % tal-emissjonijiet globali tas-CO₂ u l-impatt klimatiku totali tal-avjazzjoni huwa mill-inqas id-doppju tal-impatt tagħha mis-CO₂ waħdu. L-avjazzjoni hija t-tieni l-akbar sors ta' impatti klimatiċi tat-trasport wara t-trasport bit-triq. Fl-2022, il-Eurocontrol bassret żieda fl-attività tal-avjazzjoni Ewropea ta' 44 % sal-2050 meta mqabbla mal-2019. Il-ħtieġa ta' azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ qed issir dejjem aktar urġenti, kif iddikjara l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-aktar rapporti reċenti tiegħu tas-7 ta' Awwissu 2021 bit-titolu "Climate Change 2021: The Physical Science Basis" (Tibdil fil-Klima 2021: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika), tat-28 ta' Frar 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability" (Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà), u tal-4 ta' April 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (Tibdil fil-Klima 2022: Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima). Dak ir-rapport tal-4 ta' April 2022 jidentifika l-avjazzjoni internazzjonali bħala settur fejn "il-ftehimiet settorjali adottaw għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għadhom ferm 'il bogħod minn dak li jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi rigward it-temperatura". Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tindirizza dik il-ħtieġa urġenti għal azzjoni billi żżid l-isforzi tagħha u tassumi rwol ta' tmexxija flivell internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

- (4) Fis-27 ta' Ġunju 2018, fl-għaxar laqgħa tal-214 -il sessjoni tagħha, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) adotta l-Ewwel Edizzjoni tal-Anness 16, il-Volum IV, għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944 (il-“Konvenzjoni ta' Chicago”) - Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA), li tistabbilixxi l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali għalCORSIA (CORSIA SARPs). L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed jimplimentaw il-CORSIA mill-bidu tal-fażi pilota 2021-2023 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/954¹.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027², l-Istati Membri nnotifikaw lis-Segretarjat tal-ICAO dwar id-differenzi bejn il-CORSIA u l-EU ETS. L-oġettiv kien li jiġu ppreservati l-acquis tal-Unjoni u l-prerogattivi politiki futuri, kif ukoll il-livell ta' ambizzjoni klimatika tal-Unjoni u r-rwoli esklużivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-deċiżjoni dwar il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni. Wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, in-notifika tad-differenzi bejn il-CORSIA u l-EU ETS lis-Segretarjat tal-ICAO jenħtieġ li tiġi aġġornata bit-tieni notifika tad-differenzi konsistenti mal-liġi tal-Unjoni biex tirrifletti r-reviżjonijiet li saru lid-Direttiva 2003/87/KE.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/954 tal-25 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tal-parteċipazzjoni volontarja fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) mill-1 ta' Jannar 2021 u tal-għażla magħmula għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens tal-operaturi tal-ajruplani matul il-perijodu 2021-2023 (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 14).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali – Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25).

- (6) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (il-“Patt Ekoloġiku Ewropew”).
- (7) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra għall-ekonomija kollha tagħha b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 fl-ambitu tal-kontribut aġġornat determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha sottomess lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020. Jenħtieġ li l-avjazzjoni tikkontribwixxi għal dawk l-isforzi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet.
- (8) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, l-Unjoni naqqxet fil-leġislazzjoni l-oġettiv li l-emissjonijiet netti jitnaqqsu għal zero sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dik id-data 'l quddiem. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira klimatika ta' tnaqqis domestiku intermedju vinkolanti tal-Unjoni għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55% meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-“Liġi Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

- (9) L-emendi introdotti minn din id-Direttiva huma essenzjali biex tiżgura l-integrità tal-EU ETS u tidderiġiha b'mod effettiv sabiex din tikkontribwixxi, bħala għodda ta' politika, għall-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55% sal-2030 u li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, u kif ukoll l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dik id-data 'l quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119. Dawk l-emendi huma għalhekk ukoll immirati għall-implimentazzjoni tal-kontributi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tal-avjazzjoni. Għalhekk, il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi kkonsolidata u soġġetta għall-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE.

- (10) Minbarra s-CO₂, l-avjazzjoni taffettwa l-klima permezz ta' emissjonijiet ta' gassijiet li mhumieq CO₂ bħall-ossidi tan-nitroġenu (NO_x), il-partikoli tan-nugrufun, speċi ta' kubrit ossidizzat, u effetti mill-fwar tal-ilma, kif ukoll permezz ta' proċessi atmosferiċi kkawżati minn tali emissjonijiet, pereżempju l-formazzjoni ta' ożonu u ta' ċirru magħmul minn strixx ta' kondensazzjoni. L-impatt klimatiku ta' tali emissjonijiet ta' gassijiet li mhumieq CO₂ jiddependi mit-tip ta' fjuwil u mill-magni użati, minn fejn ikunu jinsabu l-emissjonijiet, b'mod partikolari l-altitudni fil-fażi ta' kruċiera ta' inġenju tal-ajru, u l-pożizzjoni tiegħu f'termini ta' latitudni u lonġitudni, kif ukoll il-ħin tal-emissjonijiet u l-kundizzjonijiet tat-temp f'dak il-ħin. Abbażi tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tal-2006 dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS, id-Direttiva 2008/101/KE rrikonoxxiet li l-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali permezz tar-rilaxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet li mhumieq CO₂. L-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi aġġornata tal-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂, akkumpanjata, meta xieraq, minn proposta dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati dawk l-effetti, qabel l-1 ta' Jannar 2020. Biex tissodisfa dak ir-rekwiżit, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) wettqet analiżi aġġornata tal-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂ fuq it-tibdil fil-klima u ppubblikat l-istudju tagħha fit-23 ta' Novembru 2020. Is-sejbiet ta' dak l-istudju kkonfermaw dak li kien għe stmat qabel, jiġifieri li l-impatti klimatiċi mhux derivati mis-CO₂ tal-attivitajiet tal-avjazzjoni huma, fit-total tagħhom, sinifikanti mill-inqas dawk li għejjin mis-CO₂ waħdu.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

- (11) Mis-sejbiet tal-istudju tal-EASA tat-23 ta' Novembru 2020 joħroġ li l-effetti ta' gassijiet li mhumie x CO₂ mill-avjazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawżjoni, ma jistgħux jibqgħu jiġu injorati. Huma meħtieġa miżuri regolatorji fil-livell tal-Unjoni biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għall-effetti ta' gassijiet li mhumie x CO₂ mill-avjazzjoni. Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati ta' dak il-qafas, sal-1 ta' Jannar 2028, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapport, u, meta xieraq u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, tissottometti proposta leġislattiva li jkun fiha miżuri ta' mitigazzjoni għall-effetti ta' gassijiet li mhumie x CO₂ mill-avjazzjoni, billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex ikopri tali effetti.
- (12) Il-kisba taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika se tkun tirrikjedi li jiġu diretti kemm jista' jkun riżorsi għat-tranżizzjoni klimatika, li jenħtieġ li tkun ukoll tranżizzjoni ġusta. B'riżultat ta' dan, id-dħul kollu mill-irkant li ma jkunx attribwit għall-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jintuża għal finijiet relatati mal-klima.

- (13) Il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi konsolidata fil-livell tal-allokazzjoni għat-titjiriet li għalihom kwoti jridu jiġu ċeduti f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE. L-allokazzjoni għas-sena 2024 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-allokazzjoni totali lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru attivi fis-sena 2023, imnaqqs bil-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi f'dik id-Direttiva. Il-livell ta' allokazzjoni jenħtieġ li jiżdied biex jitqiesu r-rotot li ma kinux koperti mill-EU ETS fis-sena 2023 iżda li se jiġu koperti mill-EU ETS mis-sena 2024 'il quddiem.
- (14) Żieda fis-sehem tal-irkantar mis-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tkun ir-regola għall-allokazzjoni tal-kwoti tas-settur tal-avjazzjoni, filwaqt li titqies il-kapaċità tas-settur li jgħaddi ż-żieda fil-kost tas-CO₂. Jenħtieġ li jiġu implimentati tneħħija gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas fl-2024 u fl-2025 u rkantar sħiħ mill-2026.

- (15) Jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tikkontribwixxi biex tiġi inċentivata d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport kummerċjali bl-ajru. It-tranżizzjoni mill-użu tal-fjuwils fossili jkollha rwol fil-kisba ta' tali dekarbonizzazzjoni. Madankollu, meta jitqies il-livell għoli ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, is-suq tal-Unjoni li qed jiżviluppa f'dak li għandu x'jaqsam ma' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, u d-differenzja sinifikanti fil-prezz bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, jenħtieġ li dik it-tranżizzjoni tingħata appoġġ billi jiġu inċentivati l-pijunieri. Għalhekk, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, jenħtieġ li jiġu riżervati 20 miljun kwota sabiex jiġu allokati biex ikopru parti mid-differenzja fil-prezz li jifdal bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli għall-operaturi individwali ta' inġenju tal-ajru. Dawk il-kwoti jenħtieġ li jiġu mir-raggruppament ta' kwoti totali disponibbli għall-avjazzjoni u jenħtieġ li jiġu allokati, b'mod mhux diskriminatorju, biss għal titjiriet koperti mill-obbligu ta' ċediment tad-Direttiva 2003/87/KE'. Wara evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dik ir-riżerva, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex talloka ammont massimu ta' kwoti li jkun limitat biż-żmien. Jenħtieġ li tali allokazzjoni tibqa' biss sal-31 ta' Diċembru 2034.

- (16) It-titjiriet kummerċjali supersoniċi ma baqgħux jiġu disponibbli, fost l-oħrajn, minħabba l-ħsara ambjentali sproporzjonalment elevata li kkawżaw. Madankollu, ix-xejriet attwali juru riċerka intensiva fl-introduzzjoni mill-ġdid tal-avjazzjoni supersonika. Il-korrelazzjoni pożittiva bejn il-veloċità tal-ivvjaġġar u l-livell ta' emissjonijiet minħabba l-ħruq tal-fjuwil tiġġustifika li titjiriet subsoniċi jiġu trattati b'mod differenti minn titjiriet supersoniċi. Għalhekk, huwa xieraq li t-titjiriet supersoniċi futuri possibbli jiġu esklużi mill-appoġġ previst taħt din id-Direttiva għall-fjuwils mhux fossili.
- (17) Id-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi emendata wkoll fir-rigward ta' unitajiet aċċettabbli għall-konformità, biex jitqiesu l-Kriterji tal-Eliġibbiltà tal-Unitajiet ta' Emissjonijiet CORSIA adottati mill-Kunsill tal-ICAO fil-216-il sessjoni tiegħu f'Marzu 2019 bħala element essenzjali tal-CORSIA. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw unitajiet għall-konformità mal-CORSIA għal titjiriet lejn jew minn, jew bejn, pajjiżi terzi li jitqiesu li qed jipparteċipaw fil-CORSIA. Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-CORSIA tal-Unjoni tappoġġa l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u tagħti inċentivi għal parteċipazzjoni wiesgħa fil-CORSIA, l-unitajiet għall-konformità jenħtieġ li joriġinaw minn Stati li huma partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u li jipparteċipaw fil-CORSIA, u jenħtieġ li jiġi evitat l-għadd doppju.

- (18) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-użu tal-unitajiet f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta lista ta' unitajiet li jibnu fuq dawk li jkunu ġew ikkunsidrati aċċettabbli mill-Kunsill tal-ICAO biex jintużaw għall-konformità mal-CORSIA, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà previsti minn din id-Direttiva. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (19) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-arranġamenti meħtieġa għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, għall-aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi determinati fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u għall-evitar tal-ġhadd doppju u ta' żieda netta fl-emissjonijiet globali, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għal tali arranġamenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (20) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-CORSIA għal operatori ta' inġenju tal-ajru bbażati fl-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni korrispondenti jiġu konferiti lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (21) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-CORSIA għall-operaturi ta' ingenu tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba biex ikunu biss ir-responsabbiltà tal-pajjiż ta' orijini ta' daww l-operaturi ta' ingenu tal-ajru, l-operaturi ta' ingenu tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jikkanċellaw unitajiet għall-konformità mal-CORSIA skont din id-Direttiva.
- (22) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-CORSIA għall-operaturi ta' ingenu tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba biex ikunu biss ir-responsabbiltà tal-pajjiż ta' orijini ta' daww l-operaturi ta' ingenu tal-ajru, meta operatur ta' ingenu tal-ajru bbażat barra mill-Unjoni jkollu emissjonijiet sinifikanti minn titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew li jitolqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE lejn ajrudrom li jinsab fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, l-Istat li fih ikun ibbażat dak l-operatur ta' ingenu tal-ajru jista' jinnotifika wkoll differenzi rigward l-applikazzjoni tal-CORSIA fir-rigward ta' titjiriet intra-Ewropej. Jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tinżamm taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi f'dak ir-rigward.
- (23) Sabiex jiġi żgurat trattament uguali fuq ir-rotot, it-titjiriet lejn u minn Stati li mhumieq qed jimplimentaw il-CORSIA għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni għajr it-titjiriet li jitolqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligi ta' ċediment ta' kwoti jew ta' kanċellament ta' unitajiet. Sabiex tiġi inċentivata l-implimentazzjoni sħiħa tal-CORSIA mill-2027, l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika biss għall-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 fir-rigward ta' ċediment ta' kwoti.

- (24) L-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha l-obbligu li tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali li jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jitlob li l-Unjoni u l-Istati Membri, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. Dawk l-oġettivi huma rilevanti wkoll għall-ICAO u għall-iżvilupp ulterjuri tal-CORSIA.
- (25) It-trasparenza tad-*data* u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni huma essenzjali biex jittejbu r-responsabbiltà u l-infurzabbiltà. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika *data* dwar l-emissjonijiet u l-kumpens tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru b'mod li jiffaċilita l-użu tagħhom. Tali pubblikazzjoni tkun tiffaċilita-valutazzjoni tal-impatt tal-CORSIA fuq it-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tas-CO₂ u r-rwol tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (26) Titjiriet lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u minn tali pajjiżi u Stati, kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, li ma jimplimentawx il-CORSIA, għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni, għajr dawk l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligi ta' ċediment ta' kwoti jew ta' kanċellament ta' unitajiet. Jenħtieġ li ma jkunx hemmdata tat-tmiem għal dik l-eżenzjoni.

- (27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-eżenzjoni tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru mir-rekwiżiti ta' kumpens kif stabbilit taħt din id-Direttiva fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn Stati li japplikaw il-CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tagħha, jew li jonqsu milli jinfurzar id-dispożizzjonijiet tal-CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi kollha ta' inġenju tal-ajru skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex teżenta lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni mir-rekwiżiti ta' kumpens fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet fejn isseħħ distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni minħabba implimentazzjoni jew infurzar inqas stretti tal-CORSIA fil-pajjiżi terzi. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi kkawżata minn approċċ inqas strett għall-unitajiet eliġibbli jew għad-dispożizzjonijiet ta' għadd doppju. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rotot bejn żewġ Stati differenti li japplikaw il-CORSIA meta dawk l-Istati jippermettu lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru jużaw unitajiet oħrajn minbarra dawk fil-lista ta' unitajiet għall-konformità adottata skont att ta' implimentazzjoni taħt din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tippermetti lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati fi Stat Membru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal dik illista ta' unitajiet għall-konformità jew biex ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ta' unitajiet introdotti minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- (29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-CORSIA u tal-basket ta' miżuri tal-ICAO biex jintlaħaq l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul għall-avjazzjoni internazzjonali ta' zero nett emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ("l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul"), adottat mill-41 Assemblea tal-ICAO fis-7 ta' Ottubru 2022.
- (30) Sabiex jiġi ffaċilitat il-progress fl-ICAO, l-Unjoni, fi tliet okkażżjonijiet, adottat derogi marbutin biż-żmien għall-EU ETS biex jiġu limitati l-obbligi ta' konformità għal emissjonijiet minn titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE, bi trattament ugwali fuq ir-rotot tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. L-aktar deroga reċenti mill-EU ETS, stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, illimitat l-obbligi ta' konformità għal emissjonijiet ta' titjiriet fiż-ŻEE rilaxxati sal-2023, u pprevediet bidliet potenzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema fir-rigward ta' attività lejn u minn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem wara r-rieżami stabbilit f'dak ir-Regolament. Sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-CORSIA, li l-fażi pilota bdiet, u kif tiġi applikata fil-prattika, id-deroga attwali mill-obbligi tal-EU ETS jenħtieġ li tiġi estiża għall-obbligi ta' ċediment sal-31 ta' Diċembru 2026 dwar titjiriet operati minn operaturi ta' inġenji tal-ajru fuq rotot li mhumieks koperti mill-CORSIA lejn u minn pajjiżi terzi rilevanti, li fir-rigward tagħhom l-obbligi ta' rapportar u ta' ċediment tal-EU ETS kieku jkunu japplikaw sal-31 ta' Marzu 2027 u sat-30 ta' Settembru 2027.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7).

Jenħtieġ li dik tkun l-aħħar deroga marbuta biż-żmien għall-EU ETS. Jenħtieġ li jsir rieżami tal-CORSIA sal-1 ta' Lulju 2026. Jekk l-Assemblea tal-ICAO sal-31 ta' Diċembru 2025 ma tkunx saħħet lill-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tagħha lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi jew jekk l-Istati elenkati f'att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni jirrappreżentaw inqas minn 70 % tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli, il-Kummissjoni mbagħad jenħtieġ li tipproponi, kif xieraq, li l-EU ETS, mill-2027, tapplika għal emissjonijiet minn titjiriet li jitolqu, u li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu jistgħu jnaqqsu kwalunkwe kost imġarrab minn kumpens fl-ambitu tal-CORSIA fuq dawk ir-rotot, biex jiġi evitat li jkun hemm imposti doppji. B'mod parallel, jekk pajjiż terz ma japplikax lill-CORSIA mill-2027, l-EU ETS jenħtieġ li tapplika għal emissjonijiet minn titjiriet li jitolqu lejn dak il-pajjiż terz.

- (31) L-informazzjoni dwar l-użu tal-unitajiet għall-konformità mar-rekwiżiti ta' kumpens skont il-CORSIA jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod li ma jkunx inqas trasparenti minn dak għall-informazzjoni dwar l-użu ta' krediti internazzjonali skont id-Direttiva 2003/87/KE sal-2020 skont l-Anness XIV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013¹.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Regjistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u Nru 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

- (32) Fis-7 ta' Ottubru 2022 u fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-41 Assemblea tal-ICAO ddeċidiet li tibdel il-linja bażi preċedenti tal-CORSIA għall-perjodu mill-2024 sal-2035 mill-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019 u tal-2020 għal 85 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019. Il-medja tal-emissjonijiet CO₂ kollha rrapportati għall-2019 u 2020 kienet ta' 435 859 594 tunnellata. L-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019 kienu ta' 608 076 604 tunnellata, u 85 % ta' dik iċ-ċifra jirrappreżentaw 516 865 113 tunnellata. Madankollu, il-linja bażi proprja li l-ICAO tuża biex tikkalkula l-fattur ta' tkabbir tas-settur tiġi determinata bl-użu ta' subsetta ta' emissjonijiet CO₂ li jkollha biss l-emissjonijiet fuq rotot li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens. Għas-subsetta tal-pari ta' Stati kollha soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens fis-sena 2021, il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019 u tal-2020 mhijiex ippubblikata mill-ICAO iżda huwa stmat li hija ta' 245 miljun tunnellata, u l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019 kienu jammontaw għal 341 380 188 tunnellata, li 85 % minnhom jirrappreżentaw 290 173 160 tunnellata. Għall-pari ta' Stati kollha mistennija li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens fis-sena 2027, il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2019 u 2020 huwa stmat li hija madwar 373 miljun tunnellata, filwaqt li 85 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ korrispondenti tal-2019 huwa stmat li huma madwar 439 miljun tunnellata.
- (33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta' lista ta' Stati li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta u żżomm il-lista ta' Stati għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma kkunsidrati li qed jipparteċipaw fil-CORSIA għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- (34) It-tranżizzjoni tas-settur tal-avjazzjoni lejn avjazzjoni sostenibbli jenħtieġ li tqis id-dimensjoni soċjali tas-settur u l-kompetittività tiegħu, sabiex jiġi żgurat li dik it-tranżizzjoni tkun soċjalment ġusta u tipprovdi taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-impatti soċjali tagħha fuq is-settur tal-avjazzjoni.
- (35) It-titjiriet li jkopru 1 000 kilometru u inqas jammontaw għal 6 sa 9 % tal-emissjonijiet totali ta' CO₂ mill-avjazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti rapport dwar miżuri li jippromwovu bidla modali lejn modi tat-trasport alternattivi u aktar sostenibbli, sa ma jseħħu l-innovazzjonijiet teknoloġiċi u d-disponibbiltà ta' fjuwils u inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni b'emissjonijiet zero.
- (36) Filwaqt li l-EU ETS ilha tapplika għat-titjiriet mill-2012, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jinkludi miżuri addizzjonali li flimkien mal-EU ETS, jista' jkollhom impatt kumulattiv fuq is-settur. Sabiex tiġi salvagwardjata l-konnettività bl-ajru għal titjiriet li jaqdu reġjuni insulari jew ajruporti żgħar, il-mekkaniżmu ta' din id-Direttiva, li huwa maħsub biex titnaqqas id-differenza fil-prezz li tifdal bejn il-fjuwils fossili u l-alternattivi għalih, jenħtieġ li jillimita l-impatti avversi fuq il-konnettività bl-ajru u jimmitiga r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-2026, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-effetti possibbli fuq il-konnettività bl-ajru.

- (37) Il-fattur ta' emissjoni tal-jet kerosene (pitrolju tal-ġettijiet) (Jet A1 jew Jet A) skont l-EU ETS jenħtieġ li jiġi allinjat mal-fattur ta' emissjoni għal dak il-fjuwil stabbilit fil-CORSIA SARPs. Jenħtieġ li ma jsir l-ebda tibdil fil-livelli tal-allokazzjonijiet bħala riżultat taż-żieda fil-fattur ta' emissjoni tal-jet kerosene peress li l-allokazzjoni bla ħlas għall-avjazzjoni qed gradwalment titneħħa b'riżultat ta' din id-Direttiva u qed tingħata preferenza lill-irkantar biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis akbar fl-emissjonijiet.
- (38) Il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li jużaw l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli, f'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jenħtieġ li jiġu klassifikati bħala li jipproduċu żero emissjonijiet għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jużawhom sa ma jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għall-kontabbiltà xierqa taħt din id-Direttiva.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82)

- (39) Sabiex jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fl-ispejjeż bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils eliġibbli f'konformità ma' regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli, għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-użu ta' tali karburanti eliġibbli, u għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ffrankati bħala riżultat tal-użu ta' tali karburanti eliġibbli kif ukoll biex jiġu stabbiliti arranġamenti biex jitqiesu l-inċentivi li jirriżultaw mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex jiġu stabbiliti l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri ta' kwoti tal-avjazzjoni, inklużi l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar meħtieġ għat-trasferiment ta' sehem mid-dħul minn tali rkantar għall-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala riżorsi proprji. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (40) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga temporanja mill-EU ETS sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-emissjonijiet minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru barra minn dak ir-reġjun ultraperiferiku bħala rispons għall-ħtiġijiet l-aktar importanti tar-residenti f'termini ta' impjieg, edukazzjoni u opportunitajiet oħrajn. Jenħtieġ li dik id-deroga, għall-istess raġunijiet, tkopri titjiriet bejn ajrudromi li jkunu jinsabu t-tnejn li huma fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f'reġjuni ultraperiferiċi differenti fl-istess Stat Membru.
- (41) Id-Id-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, għandha tapplika fir-rigward tan-notifika lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jeħtieġ li titwettaq mill-Istati Membri sat-30 ta' Novembru 2023 taħt id-Direttiva 2003/87/KE dment li l-fattur ta' tkabbir settorjali għall-emissjonijiet tal-2022, li jrid jiġi ppubblikat mill-ICAO, ikun ekwivalenti għal zero.

¹ Id-Deċiżjoni (EU) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 1).

- (42) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa importanti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-kompetittività tal-industrija Ewropea. Dan huwa ta' importanza partikolari għal setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati bħall-avjazzjoni u t-tbaħħir fejn hemm bżonn li titjib operazzjonali, fjuwils alternattivi newtrali għall-klima u soluzzjonijiet teknoloġiċi jintużaw flimkien. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali. Fil-livell tal-Unjoni, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-EU ETS.
- (43) Il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit mid-Direttiva 2003/87/KE għandu jappoġġa r-riċerka dwar, u l-iżvilupp u l-użu ta', soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni, inklużi teknoloġiji b'emissjonijiet żero, u jnaqqas l-impatti klimatiċi u ambjentali tas-settur tal-avjazzjoni. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-elettrifikazzjoni u azzjonijiet biex jitnaqqsu l-impatti ġenerali tal-avjazzjoni.

- (44) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkun żgurat il-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li tiġi implimentata l-CORSIA fil-liġi tal-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (45) Jenħtieġ li l-Istati Membri jittrasponu din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023 fid-dawl tal-ħtieġa għal azzjoni klimatika urġenti u biex is-setturi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv.
- (46) Is-simplifikazzjonijiet tal-proċeduri amministrattivi u l-adattament ta' dawk il-proċeduri għall-aħjar prattika jnaqqsu kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi.
- (47) Id-Direttiva 2003/87/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(v) "effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂" tfisser l-effetti fuq il-klima tar-rilaxx, matul il-kombustjoni tal-fjuwil, ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), partikoli tan-nugrufun, speċijiet ta' kubrit ossidizzat, u effetti mill-fwar tal-ilma, inklużi strixex ta' kondensazzjoni, minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I;"

(2) l-Artikolu 3c huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

- "5. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokat i fir-rigward tal-operaturi ta' ingenu tal-ajru għas-sena 2024 abbażi tal-allokazzjoni totali tal-kwoti fir-rigward tal-operaturi ta' ingenu tal-ajru li kienu qed iwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I fis-sena 2023, imnaqqsa bil-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9, u għandha tippubblika dik il-kwantità, kif ukoll l-ammont ta' allokazzjoni bla h̄las li kienet isseħħ fl-2024 skont ir-regoli għall-allokazzjoni bla h̄las fis-seħħ qabel l-emendi introdotti bid-Direttiva (UE) 2023/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+.
6. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, massimu ta' 20 miljun mill-kwantità totali ta' kwoti msemmija fil-paragrafu 5 għandu jkun rizerwat fir-rigward tal-operaturi ta' ingenu tal-ajru kummerċjali, fuq il-bażi ta' trattament trasparenti, ugwali u mhux diskriminatorju, għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, u fjuwils tal-avjazzjoni oħrajn li mhumiex derivati minn fjuwils fossili, identifikati f'regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli bħala li jgħoddu biex jintlaħaq is-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li l-fjuwil tal-avjazzjoni li qiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi tal-ingeni tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni huwa meħtieġ li jkun fih skont dak ir-Regolament, għal titjiriet subsoniċi li għalihom iridu jiġu ċeduti l-kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' din id-Direttiva.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 8/23 (2021/0207(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il paġna.

Fejn il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma jkunx jista' jiġi attribwit fiżikament f'ajruport għal titjira speċifika, il-kwoti riżervati taħt dan is-subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli ppumpjati f'dak l-ajruport b'mod proporzjonat għall-emissjonijiet minn titjiriet, tal-operatur ta' inġenju tal-ajru minn dak l-ajruport, li għalihom iridu jiġu ċeduti l-kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' din id-Direttiva.

Il-kwoti riżervati taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu allokati mill-Istati Membri biex ikopru parti mid-differenza fil-prezz jew id-differenzja fil-prezz kollu kemm hu bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili. Meta tikkalkula dik id-differenzja fil-prezzijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapport tekniku ppubblikat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea skont ir-regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament skont dan il-paragrafu b'mod li jikkorrispondi għar-rekwiżiti fl-Artikolu 30m(1), il-punti (a) u (b), ta' din id-Direttiva.

Il-kwoti allokati taħt dan il-paragrafu għandhom ikopru:

- (a) 70 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-idroġenu minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-bijofjuwils avvanzati kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (34), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva;
- (b) 95 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, użati fl-avjazzjoni, li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva;
- (c) 100 % tad-differenza fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u kwalunkwe fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli li mhuwiex derivat minn fjuwils fossili koperti mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, f'ajruporti li jinsabu fi gżejjer iżgħar minn 10 000 km² u bl-ebda konnessjoni bit-triq jew bil-ferrovija mal-kontinent, f'ajruporti li mhumix kbar biżżejjed biex jiġu definiti bħala ajruporti tal-Unjoni skont ir-regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli u f'ajruporti li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku;

- (d) f'każijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-punti (a), (b) u (c), 50 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u kwalunkwe fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli li mhux derivat minn fjuwils fossili koperti mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-allokazzjoni ta' kwoti taħt dan il-paragrafu tista' tqis l-appoġġ possibbli minn skemi oħra fil-livell nazzjonali.

Fuq bażi annwali, l-operaturi ta' ingenu tal-ajru kummerċjali jistgħu japplikaw għal allokazzjoni ta' kwoti abbażi tal-kwantita' ta' kull fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli msemmi f'dan il-paragrafu wżat fuq titjiriet li għalihom jridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2030, esklużi t-titjiriet li għalihom dak ir-rekwiżit jitqies li għie ssodisfat skont l-Artikolu 28a(1). Jekk, għal sena partikolari, id-domanda għal kwoti għall-użu ta' tali fjuwils tkun ogħla mid-disponibbiltà tal-kwoti, il-kwantità ta' kwoti għandu jitnaqqas b'mod uniformi, għall-operaturi kollha kkonċernati ta' ingenu tal-ajru, mill-allokazzjoni għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dettalji tad-differenza fil-kost medju bejn il-pitrolju fossili, filwaqt li tqis l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili, u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli rilevanti, fuq bażi annwali għas-sena preċedenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fil-kost imsemmija fis-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-użu tal-fjuwils identifikati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ffrankati b'riżultat tal-użu tal-fjuwils kif irrapportat skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14(1), u billi tistabbilixxi l-arranġamenti biex jitqiesu l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili.

Sal-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u tissottometti r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni frapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien opportun. Ir-rapport jista', fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi allokata ammont massimu ta' kwoti li jkun limitat fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2034 biex jiġi inċentivat aktar l-użu tal-fjuwils identifikati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari l-ippumpjar ta' fjuwils rinnovabbli ta' orijini mhux bijoloġika konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, użati fl-avjazzjoni, li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.

Mill-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fir-rapport annwali li hija meħtieġa tissottometti skont l-Artikolu 10(5).

7. Fir-rigward ta' titjiriet li jtilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, u li ma kinux koperti mill-EU ETS fl-2023, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru għandha tiżdied bil-livelli tal-allokazzjonijiet, inklużi l-allokazzjoni bla ħlas u l-irkantar, li kien isir kieku kienu koperti mill-EU ETS f'dik is-sena, imnaqqsa mill-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9.
8. B'deroga mill-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi ta' inġenju tal-ajru fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2030 minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru, inkluż ajrudrom ieħor li jinsab fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f'reġjun ultraperiferiku ieħor tal-istess Stat Membru.

-
- * Id-Direttiva (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li temenda d-Direttiva 2003/87/EC fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU ...).
- ** Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).',

(3) l-Artikolu 3d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fis-snin 2024 u 2025, 15 % tal-kwoti msemija fl-Artikolu 3c(5) u (7), kif ukoll 25% fl-2024 u 50% fl-2025, rispettivament, mill-85 % li jifdal ta' daww il-kwoti, li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokkazzjoni bla h̄las, għandhom jiġu rkantati, h̄lief għall-kwantitajiet ta' kwoti msemija fl-Artikolu 3c(6) u l-Artikolu 10a(8), ir-raba' subparagrafu. Il-bqija tal-kwoti għal daww is-snin għandhom jiġu allokkati bla h̄las.

Mill-1 ta' Jannar 2026, il-kwantità kollha ta' kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokkazzjoni bla h̄las f'dik is-sena għandha tiġi rkantata, h̄lief għall-kwantità ta' kwoti msemija fl-Artikolu 3c(6) u fl-Artikolu 10a(8), ir-raba' subparagrafu.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-kwoti li jiġu allokkati bla h̄las għandhom jiġu allokkati lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru b'mod proporzjonat għas-sehem tagħhom ta' emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati għall-2023. Dak il-kalkolu għandu jkoll l-emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati fir-rigward ta' titjiriet li huma koperti biss mill-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2024. Sat-30 ta' Ġunju tas-sena rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħroġu l-kwoti li huma allokkati bla h̄las għal dik is-sena.";

- (c) il-paragrafu 2 huwa mħassar;
- (d) fil-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. "Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri ta' kwoti tal-avjazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar li humaneċessarji għat-trasferiment ta' sehem tad-dħul minn tali rkantar għall-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3), it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-kwantità ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati f'kull perjodu minn kull Stat Membru għandu jkun proporzjonat għas-sehem tiegħu tat-total tal-emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni tal-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrapportata skont l-Artikolu 14(3) u verifikati skont l-Artikolu 15. Għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 13, is-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar qabel ma jibda l-perjodu li għalih jirreferi l-irkant. L-atti delegati għandhom jiżguraw li jkunu rispettati l-prinċipji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4)."

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, ħlief għad-dħul stabbilit bħala rizzorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva.";

(4) l-Artikoli 3e u 3f huma mħassra;

(5) l-Artikolu 11a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ta' ingenu tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, għandhom ikunu jistgħu jużaw l-unitajiet li ġejjin biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom ta' kanċellament ta' unitajiet fir-rigward tal-kwantità nnotifikata skont l-Artikolu 12(6) kif stabbilit fl-Artikolu 12(9):

(a) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi;

- (b) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fi programmi ta' kreditu li jkunu ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO kif identifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 8;
 - (c) krediti awtorizzati minn partijiet għal ftehimiet skont il-paragrafu 5;
 - (d) krediti maħruġa fir-rigward ta' proġetti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 24a.
2. L-unitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), jistgħu jintużaw jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) joriġinaw minn Stat li huwa Parti għall-Ftehim ta' Pariġi fil-ħin tal-użu;
 - (b) joriġinaw minn Stat li huwa elenkat fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) bħala li qed jipparteċipa fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali tal-ICAO (CORSIA). Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati qabel l-2027, u lanqas ma għandha tapplika fir-rigward tal-pajjiżi l-inqas żviluppati u tal-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, ħlief għal daww l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni.

3. L-unitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), jistgħu jintużaw jekk ikun hemm arranġamenti stabbiliti għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, isiru aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi determinati fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u l-għadd doppju u ż-żieda netta fl-emissjonijiet globali jiġu evitati.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti dettaljati għall-arranġamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jistgħu jinkludu rekwiżiti ta' rapportar u ta' reġistru, u għall-elenkar tal-Istati jew tal-programmi li japplikaw dawk l-arranġamenti. Dawk l-arranġamenti għandhom iqisu l-flessibbiltajiet mogħtija lill-pajjiżi l-inqas żviluppati u lill-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

- (b) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw l-unitajiet li ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll l-atti ta' implimentazzjoni biex taġġorna dik il-lista, kif xieraq. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(6) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kumpens kull sena għas-sena kalendarja preċedenti fir-rigward ta' titjiriet lejn, minn u bejn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), u fir-rigward ta' titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), u sat-30 ta' Novembru ta' kull sena jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru.

F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ukoll ir-rekwiżiti ta' kumpens finali totali għal perjodu partikolari ta' konformità mal-CORSIA u, sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara l-aħħar sena tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA, jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu ta' dawk ir-rekwiżiti.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin dwar il-livell ta' kumpens:

- (a) l-operaturi ta' inġenju tal-ajru jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru; u
- (b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-CO₂ ta' aktar minn 10 000 tunnellata mill-użu ta' ajruplani b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti mill-Anness I, għajr dawk li jitolqu u li jaslu fl-istess Stat Membru, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru, mill-1 ta' Jannar 2021.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

- (i) titjiriet Statali;
- (ii) titjiriet umanitarji;
- (iii) titjiriet mediċi;
- (iv) titjiriet militari;
- (v) titjiriet tat-tifi tan-nar;
- (vi) titjiriet li jsiru qabel jew wara titjira umanitarja, medika jew tat-tifi tan-nar, dment li tali titjiriet ikunu twettqu bl-istess inġenju tal-ajru u kienu meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet umanitarji, mediċi jew tat-tifi tan-nar relatati jew biex l-inġenju tal-ajru jiġi ppożizzjonat mill-ġdid wara dawk l-attivitajiet għall-attività li jmiss tiegħu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"8. Il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet tal-CORSIA għandu jsir f'konformità ma' metodoloġija li għandha tiġi speċifikata mill-Kummissjoni fir-rigward tat-titjiriet lejn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), kif ukoll minn u bejn tali pajjiżi, u tat-titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom b'mod partikolari jagħtu dettalji ulterjuri dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti li ġejjin mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 3c, 11a, 12 u 25a, u, sa fejn ikun possibbli fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, mill-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali għall-CORSIA (CORSIA SARPs).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sat-30 ta' Ġunju 2024.

9. L-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, għandhom jikkancelaw l-unitajiet imsemmija fl-Artikolu 11a biss fir-rigward tal-kwantità nnotifikata minn dak l-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 6, fir-rigward tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA. Il-kanċellazzjoni għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2025 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2021 sal-2023 u sal-31 ta' Jannar 2028 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2024 sal-2026.";

(7) fl-Artikolu 14, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

- "5. L-operaturi ta' inġenju tal-ajru għandhom jirrapportaw darba fis-sena dwar l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂ li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2025. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta sal-31 ta' Awwissu 2024 att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 1 sabiex tinkludi l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂ f'qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika. Dak il-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għandu jkun fih, bħala minimu, id-*data* disponibbli dwar it-trajettorja tridimensjonali tal-inġenju tal-ajru, u l-umdità u t-temperatura ambjentali biex ikun hemm ekwivalenti ta' CO₂ li jiġi prodott għal kull titjira. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, soġġett għar-riżorsi disponibbli, li jkun hemm għodod disponibbli biex jiffaċilitaw u, sa fejn possibbli jawtomatizzaw l-monitoraġġ, rapportar u verifika sabiex jimminimizzaw kwalunkwe piż amministrattiv.

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul kull sena kalendarja, kull operatur ta' inġenju tal-ajru jimmonitorja u jirrapporta l-effetti mhux derivati mis-CO₂ minn kull inġenju tal-ajru li jopera lill-awtorità kompetenti wara t-tmiem ta' kull sena f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti fuq bażi annwali mill-2026, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10(5), rapport dwar ir-riżultati mill-applikazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sal-31 ta' Diċembru 2027, abbażi tar-riżultati mill-applikazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għall-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport u, fejn xieraq, u wara li l-ewwel tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt, proposta leġislattiva biex timmitiga effetti tal-avjazzjoni li mhumiex CO₂ billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex jinkludi l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-CO₂.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, mill-inqas, id-*data* aggregata annwali segwenti relatata mal-emissjonijiet mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportata lill-Istati Membri jew trażmessa lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066* u l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603**, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-iskadenza rispettiva tar-rapportar u b'mod li tkun tista' tintuża faċilment:

(a) għal kull par ajrudromi fiż-ŻEE:

(i) l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-titjiriet kollha;

- (ii) l-għadd totali ta' titjiriet;
 - (iii) l-għadd totali ta' passiġġieri;
 - (iv) it-tipi ta' inġenju tal-ajru;
- (b) għal kull operatur ta' inġenju tal-ajru:
- (i) *data* dwar l-emissjonijiet minn titjiriet fiż-ŻEE, minn titjiriet li jitolqu miż-ŻEE, titjiriet li jaslu fiż-ŻEE u titjiriet bejn żewġ pajjiżi terzi, imqassma skont il-pari ta' Stati, u *data* dwar l-emissjonijiet soġġetti għall-obbligu li jiġu kkanċellati l-unitajiet tal-emissjonijiet eliġibbli skont il-CORSIA;
 - (ii) l-ammont ta' rekwiżiti ta' kumpens, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 12(8);
 - (iii) l-ammont u t-tip ta' krediti skont l-Artikolu 11a użati għall-konformità mar-rekwiżiti ta' kumpens tal-operatur ta' inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt;
 - (iv) l-ammont u t-tip ta' fjuwils użati li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont din id-Direttiva jew li jintitolaw lill-operatur ta' inġenju tal-ajru jirċievi kwoti skont l-Artikolu 3c(6).

Għall-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, f'ċirkostanzi speċifiċi fejn -operatur ta' inġenju tal-ajru jopera fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' ajrudromi jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens, dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jitlob lill-Istat Membru amministrattiv li ma jippubblikax tali *data* fil-livell tal-operatur ta' inġenju tal-ajru, u jispjega għaliex id-divulgazzjoni tkun titqies li tagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tiegħu. Abbażi ta' dik it-talba, l-Istat Membru amministrattiv jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika dik id-*data* f'livell oġġetiv ta' aggregazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba.

-
- * Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).
 - ** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 tat-18 ta' Lulju 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni għall-iskop li tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 10).";

(8) L-Artikolu 18a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Meta fl-ewwel sentejn ta' kwalunkwe perjodu msemmi fl-Artikolu 13, l-ebda mill-emissjonijiet attribwiti lill-avjazzjoni minn titjiriet imwettqin minn operatur tal-inġenji tal-ajru li jaqa' fl-ambitu tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma huma attribwiti lill-Istat Membru amministrattiv tiegħu, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jiġi trasferit lejn Stat Membru amministrattiv ieħor fir-rigward tal-perjodu li jmiss. L-Istat Membru amministrattiv il-ġdid għandu jkun l-Istat Membru bl-akbar emissjonijiet attribwiti lill-avjazzjoni stmati minn titjiriet imwettqin minn dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru matul l-ewwel sentejn tal-perjodu ta' qabel.';

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(b) mill-2024, mill-inqas kull sentejn, taġġorna l-lista biex tinkludi l-operaturi ta' inġenju tal-ajru li sussegwentement wettqu attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I; meta operatur ta' inġenju tal-ajru ma jkunx wettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I matul l-erba' snin kalendarji konsekuttivi ta' qabel l-aġġornament tal-lista, dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma għandux jiġi inkluż fil-lista.';

(9) l-Artikolu 25a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu ftehimiet dwar miżuri globali biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni, allinjati mal-oġettivi tar-Regolament (UE) 2021/1119 u tal-Ftehim ta' Pariġi. Fid-dawl ta' tali ftehimiet, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk emendi għal din id-Direttiva kif tapplika għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru humiex meħtieġa.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jelenka l-Istati għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet ta' din id-Direttiva, b'linja bażi tal-2019 għall-2021 sal-2023 u linja bażi ta' 85 % tal-emissjonijiet tal-2019 għal kull sena mill-2024. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

4. Fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet lejn u minn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.
5. Fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet bejn iż-ŻEE u Stati li mhumiex elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għajr titjiriet lejn l-Iżvizzera u lejn ir-Renju Unit, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.
6. Fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u minn tali pajjiżi u Stati kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, minbarra dawk elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u dawk l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom ikun daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

7. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li hemm distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni, bħal distorsjoni kkawżata minn pajjiż terz li japplika l-CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tiegħu jew li jonqos milli jinforza d-dispożizzjonijiet tal-CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi kollha tal-inġenju tal-ajru, li hija ta' detriment għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex teżenta lil dawk l-operaturi ta' inġenju tal-ajru mir-rekwiżiti ta' kumpens kif stabbilit fl-Artikolu 12(9) fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn tali Stati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

8. Meta operaturi ta' ingenu tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, joperaw titjiriet bejn żewġ Stati differenti elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inklużi titjiriet li jseħħu bejn l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u dawk l-Istati jippermettu lill-operaturi ta' ingenu tal-ajru jużaw unitajiet oħrajn għajr dawk fil-lista adottata skont l-Artikolu 11a(8), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jippermettu lil dawk l-operaturi ta' ingenu tal-ajru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal dawk fuq il-lista jew li ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11a(2) u (3) fir-rigward tal-emissjonijiet minn tali titjiriet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(10) L-Artikoli 28a u 28b huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 28a

*Derogi applikabbli qabel l-implimentazzjoni obbligatorja tal-miżura globali tal-ICAO
bbażata fuq is-suq*

1. B'deroga mill-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom iqisu li r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet ġew issodisfati u ma għandhom jieħdu ebda azzjoni kontra operaturi ta' inġenju tal-ajru fir-rigward ta':
 - (a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn ajrudromi li jinsabu fi Stati barra miż-ŻEE, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet lejn ajrudromi li jinsabu fir-Renju Unit jew l-Iżvizzera, f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2026, soġġett għar-rieżami msemmi fl-Artikolu 28b;
 - (b) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fis-sens tal-Artikolu 349 tat-TFUE u ajrudrom li jinsab f'reġjun ieħor taż-ŻEE f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023, soġġett għar-rieżami msemmi fl-Artikolu 28b.

Għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14, l-emissjonijiet ivverifikati minn titjiriet għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur ta' inġenju tal-ajru.

2. B'deroga mill-Artikolu 3d(3), il-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2026 għandu jitnaqqas sabiex jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni minn titjiriet li mhumiex soġġetti għad-derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. B'deroga mill-Artikolu 3g, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ li jistabbilixxu miżuri għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet fir-rigward ta' titjiriet soġġetti għad-derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
4. B'deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, meta operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu total annwali ta' emissjonijiet inqas minn 25 000 tonnellata ta' CO₂, jew meta operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu total annwali ta' emissjonijiet inqas minn 3 000 tonnellata ta' CO₂ minn titjiriet għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu tal-għodda għall-emittenti żgħar approvata mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010* u ppopolata mill-Eurocontrol b'*data* mill-faċilità ta' appoġġ tagħha b'rabta mal- ETS. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri simplifikati għal operaturi ta' inġenju tal-ajru mhux kummerċjali dment li tali proċeduri ma jipprovdux akkuratezza li tkun inqas minn dik ipprovduta mill-għodda għall-emittenti żgħar.
5. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għall-pajjiżi li magħhom intlaħaq ftehim skont l-Artikolu 25 jew 25a, konformi biss mat-termini ta' tali ftehim.

Artikolu 28b

Ir-rapportar u r-rieżami mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżura globali tal-ICAO bbażata fuq is-suq

1. Qabel l-1 ta' Jannar 2027 u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-ICAO biex tiġi implimentata l-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata għall-emissjonijiet mill-2021, b'mod partikolari fir-rigward ta':
 - (a) l-istrumenti rilevanti tal-ICAO, inklużi l-istandards u l-prattiki rakkomandati, kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tal-elementi kollha tal-basket ta' miżuri tal-ICAO lejn il-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul adottat fil-41 Assemblea tal-ICAO;
 - (b) ir-rakkomandazzjonijiet approvati mill-Kunsill tal-ICAO rilevanti għall-miżura globali bbażata fuq is-suq, inkluża kwalunkwe bidla li jista' jkun hemm fil-linji bażi;
 - (c) l-istabbiliment ta' reġistru globali;
 - (d) il-miżuri domestiċi meħuda minn pajjiżi terzi biex jimplimentaw il-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata għall-emissjonijiet mill-2021;
 - (e) il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kumpens taħt il-CORSIA minn pajjiżi terzi, inklużi l-implikazzjonijiet tar-riżervi tagħhom fir-rigward ta' tali parteċipazzjoni; u

- (f) żviluppi internazzjonali rilevanti u strumenti applikabbli oħra, kif ukoll il-progress biex jitnaqqsu l-impatti totali tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

F'konformità mar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta wkoll dwar l-isforzi biex jintlaħaq l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tas-settur tal-avjazzjoni li l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-avjazzjoni jitnaqqsu għal żero netti sal-2050, ivvalutati f'konformità mal-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu, punti (a) sa (f).

2. Sal-1 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li fih għandha tivvaluta l-integrità ambjentali tal-miżura globali tal-ICAO bbażata fuq is-suq, inklużi l-ambizzjoni ġenerali tagħha fir-rigward tal-miri skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kumpens taħt il-CORSIA, l-infurzabbiltà tagħha, it-trasparenza, il-penali għan-nuqqas ta' konformità, il-proċessi għall-input pubbliku, il-kwalità tal-krediti ta' kumpens, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet, ir-reġistri, ir-responsabbiltà kif ukoll ir-regoli dwar l-użu tal-bijofjuwils. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dak ir-rapport ukoll sal-1 ta' Lulju 2026.

3. Ir-rapport tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva, fejn xieraq, biex tiġi emendata din id-Direttiva, b'tali mod li jkunu konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi rigward it-temperatura, l-impenn ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-ekonomija kollha tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv li tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u bl-għan li jiġu ppreservati l-effettività u l-integrità ambjentali tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni. Proposta ta' akkumpanjament għandha, kif xieraq, tinkludi l-applikazzjoni tal-EU ETS għal titjiriet li jtilqu minn ajrudromi li jinsabu fi Stati fiż-ŻEE lejn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE minn Jannar 2027 u teskludi titjiriet li jaslu minn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE fejn ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 juri li:
- (a) l-Assemblea tal-ICAO sal-31 ta' Diċembru 2025 ma saħħitx il-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tagħha, lejn l-ilħuq tal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi; jew
 - (b) l-Istati elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) jirrappreżentaw inqas minn 70 % tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli.

Il-proposta ta' akkumpanjanment għandha wkoll, kif xieraq, tippermetti l-possibbiltà li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jnaqqsu kwalunkwe kost imġarrab minn kumpens fl-ambitu tal-CORSIA fuq daww ir-rotot, biex jiġi evitat li jkun hemm imposti doppji. Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu ma jiġux issodisfati, il-proposta għandha temenda din id-Direttiva, kif xieraq, biex tkompli tapplika l-EU ETS biss għal titjiriet fiż-ŻEE, għal titjiriet lejn l-Iżvizzera u lejn ir-Renju Unit u għal titjiriet lejn Stati mhux elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3).

-
- * Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 tad-9 ta' Lulju 2010 dwar l-approvazzjoni ta' għodda simplifikata żviluppata mill-organizzazzjoni Ewropea għas-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru (Eurocontrol) sabiex tistima l-konsum tal-fjuwil ta' ċerti operaturi tal-inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 25).';

(11) fl-Artikolu 30, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. FI-2026, il-Kummissjoni għandha tinkludi l-elementi li ġejjin fir-rapport previst fl-Artikolu 10(5):

- (a) evalwazzjoni tal-impatti ambjentali u klimatiċi tat-titjiriet ta' inqas minn 1 000 km u l-kunsiderazzjoni tal-għażliet biex jitnaqqsu dawk l-impatti, inklużi eżami ta' modi alternattivi ta' trasport pubbliku disponibbli u ż-żieda fl-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli;
- (b) evalwazzjoni tal-impatti ambjentali u klimatiċi tat-titjiriet imwettqa minn operaturi eżentati skont il-punti (h) jew (k) tal-entrata "L-avjazzjoni" tal-kolonna "Attività" fit-tabella tal-Anness I, u l-kunsiderazzjonijiet tal-għażliet biex jitnaqqsu dawk l-impatti;
- (c) evalwazzjoni tal-impatti soċjali ta' din id-Direttiva fis-settur tal-avjazzjoni, inkluż fuq il-forza tax-xogħol tiegħu u l-kostijiet tal-ivvjaġġar bl-ajru; u
- (d) evalwazzjoni tal-konnettività bl-ajru tal-gżejjer u tat-territorji remoti, inkluża kunsiderazzjoni tal-kompetittività u tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-impatti ambjentali u klimatiċi.

Ir-rapport previst fl-Artikolu 10(5), fejn xieraq, għandu jittqies ukoll għar-reviżjoni futura ta' din id-Direttiva.";

- (12) L-Annessi I u IV huma emendati skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

(1) Fil-kolonna “Attività” fit-tabella fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, l-entrata “L-avjazzjoni” hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

‘Titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu f’żewġ Stati differenti li huma elenkati fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u, għall-finijiet tal-Artikolu 12(6) u (8) u l-Artikolu 28c, kwalunkwe titjira oħra bejn ajrudromi li jinsabu f’żewġ pajjiżi terzi differenti mill-operaturi ta’ inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-operaturi ta’ inġenju tal-ajru jkollhom ċertifikat ta’ operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta’ dak l-Istat Membru; u

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-CO₂ ta' aktar minn 10 000 tonnelli mill-
użu ta' ajruplani b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar
minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti minn dan l-Anness, għajr dawk li
jitolqu u li jaslul fl-istess Stat Membru, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess
Stat Membru, mill-1 ta' Jannar 2021; għall-finijiet ta' dan il-punt, l-
emissjonijiet mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

- (i) titjiriet Statali;
- (ii) titjiriet umanitarji;
- (iii) titjiriet mediċi;
- (iv) titjiriet militari;
- (v) titjiriet tat-tifi tan-nar;
- (vi) titjiriet li jsiru qabel jew wara titjira umanitarja, medika jew tat-tifi tan-
nar, dment li tali titjiriet ikunu twettqu bl-istess inġenju tal-ajru u kienu
meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet umanitarji, mediċi jew tat-tifi tan-nar
relatati jew biex l-inġenju tal-ajru jiġi ppożizzjonat mill-ġdid wara dawk
l-attivitajiet għall-attività li jmiss tiegħu.";

(b) fil-punt (i), in-numru "30 000" huwa sostitwit bin-numru "50 000".

(2) Fil-Parti B tal-Anness IV għad-Direttiva 2003/87/KE, it-taqsimha “Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju” hija emendata b’dan li ġej:

(a) is-sentenza li ġejja tizzied fl-aħħar tar-raba’ paragrafu:

“Il-fattur ta’ emissjoni tal-jet kerosene (Jet A1 jew Jet A) għandu jkun ta’ 3,16 (t CO₂/t fjuwil).”;

(b) il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara r-raba’ paragrafu:

“L-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika li jużaw l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu kklassifikati b’emissjonijiet żero għall-operaturi ta’ inġenju tal-ajru li jużawhom sa ma jiġi adottat l-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(1) ta’ din id-Direttiva.”.
